MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 14/2007

**Albino Said**

**vs**

**Stephen u Adele konjugi Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-18 ta' Jannar tas-sena 2007 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta' erbat elef u hames mitt Lira Maltin, (LM4,500.00,0), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-qorti, rapprezentanti arretrati ta' hlas ta' kera dovuti ghas-sena 2005 ghal-lokazzjoni ta' gabbana fl-Ghadira l-Mellieha u dan ai termini ta' ftehim

datat 22 ta’ Jannar tas-sena 2003 liema ammont ghadu dovut minkejja interpellazzjoni ghal hlas;

2. Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficcjali datata 14 ta’ Settembru tas-sena 2006 u bl-imghax legali mis-26 ta’ Settembru tas-sena 2006 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta datata l-1 ta’ Marzu tas-sena 2007 li permezz taghha l-intimati konjugi Muscat eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba kif proposta hija rritwali stante li ma sar ebda ftehim privat tat-22 ta’ Jannar tas-sena 2003 ghal kera ta’ lokazzjoni ta’ gabbana fl-Ghadira, il-Mellieha, u dan kif ser jigi ppruvat fis-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi skond l-attur il-partijiet f’din il-kawza jiggestixxu gabbana flimkien fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha;

2. Illi skond id-disposizzjoni guramentata ta’ l-attur il-partijiet ftehmu s-segwenti:

i. Illi l-intimati kellhom ihallsu lill-attur l-ammont t’erbat elef u hames mitt Lira Maltin, (LM4,500.00,0), fis-sena ghal perjodu ta’ ghoxrin (20) sena;

ii. Illi sussegwentement l-attur kellu jcedi d-drittijiet tieghu kollha fir-rigward lill-intimati;

iii. Illi din ir-relazzjoni hi kristallizzata bi skrittura datata t-22 ta"Jannar tas-sena 2003;

iv. Illi ghalkemm l-intimati jidher li effettwaw il-pagament dovut skond dan il-ftehim ghall-ewwel sentejn, (2), jidher li kienu moruzi ghat-tielet (3) sena;

3. Illi ghaldaqstant l-attur intavola l-procedura de quo;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-intimati l-fatti veri tal-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi r-relazzjoni li l-intimati ghandhom bhala kerrejja tal-fond in dizamina mhix ma' l-attur izda mal-Gvern;

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet f'din il-procedura hi dik naxxenti mill-iskrittura redatta bejn il-partijiet u datata t-22 ta' Jannar tas-sena 2003, (ara fol 13);

3. Illi skond din l-iskrittura l-partijiet involuti qabblu s-segwenti:

i. Illi l-partijiet involuti kkwantifikaw is-sehem taghhom fil-gestjoni tal-gabbana indizamina f'terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-intimati u li sehem Said "(l-attur)", qed jigi miftiehem li dan ghandu jkun ta' erbat elef u hames mitt Lira Maltin, (LM4,500.00,0), kull sena, liema somma ghandha tithallas mill-komparenti Muscat in solidum kull sena fix-xahar ta' Settembru liema pagament(i) imsemmi ghandu jibqa' hekk

mhux interrott ghal ghoxrin (20) sena wara xulxin segwenti mill-2003;

ii. Illi l-attur kellu wara li jghaddi dan il-perjodu jaqleb sehem favur l-intimati;

iii. Illi l-premessi relattivi kellhom jigu mhallsa mill-intimati;

iv. Illi l-koncessjoni governattiva tal-gestjoni tal-gabbana de quo tirrizulta favur l-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ir-relazzjoni guridika li tirrizulta li tista' tezisti bejn il-partijiet mhix dik naxenti mill-istitut tal-kera kif rikjamat mill-attur u cioe ta' sid u kerreja rispettiv, izda ta' shab f'gestjoni ta' intrapriza kif minnhom proporzjonat fl-iskrittura fuq indikata;

Illi ghalhekk il-bazi tar-rikjam riklamat mill-attur fuq l-intimati mhux idoneu stante li l-premessa legali li fuqu ghandha tistrieh it-talba principali ta' l-attur effettivament ma tezistix;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet ta' l-intimati tirrespingi bhala insostanzjabbli t-talba principali ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------